SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

24 ta’ Ottubru 2024*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi postali fl-Unjoni Ewropea – Direttiva 97/67/KE – Artikolu 22(3) – Kunċett ta’ ‘fornitur ta’ servizz postali affettwat minn deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali’ – Dritt għal rimedju”

Fil-Kawża C-476/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tal-14 ta’ Lulju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta’ Lulju 2023, fil-proċedura

**“STAR POST” EOOD**

vs

**Komisia za regulirane na saobshteniata,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn D. Gratsias (Relatur), President tal-Awla, I. Jarukaitis, President tar-Raba’ Awla u Z. Csehi, Imħallef,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta’ Mejju 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal “STAR POST” EOOD, minn K. Boncheva, M. Dokova-Kostadinova u M. Ekimdzhiev, advokati,

– għall-Komisia za regulirane na saobshteniata, minn T. Aleksandrova u I. Dimitrov,

– għall-Gvern Bulgaru, minn T. Mitova u R. Stoyanov, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn L. Halajová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Georgieva u M. Mataija, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71), kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Frar 2008, (ĠU 2008, L 52, p. 3, u rettifika fil-ĠU 2015, L 225, p. 49) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 97/67 emendata").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn "STAR POST" EOOD, kumpannija rregolata mid-dritt Bulgaru, u l-Komisia za regulirane na saobshteniata (il-Kummissjoni li Tirregola l-Komunikazzjoni, il-Bulgarija, iktar 'il quddiem il- "KRS") dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tiddetermina l-ammont totali tal-ispejjeż netti tal-provvista tas-servizz postali universali mill-kumpannija Balgarski Poshti (iktar 'il quddiem "BP") u li tikkonstata li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu għal BP piż finanzjarju inġust.

### Il-kuntest legali

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 97/67 emendata*

3 Il-premessa 39 tad-Direttiva 97/67 emendata tiddikjara:

"Billi sabiex jiġi żgurat l-iffunzjonar xieraq tas-servizz universali u sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni mingħajr xkiel fis-settur mhux riżervat, huwa importanti li l-funzjonijiet tar-regolatur jiġu separati, minn naħa l-waħda, u l-operatur, minn naħa l-oħra; billi ebda operatur postali ma jista' jkun kemm l-imħallef kif ukoll il-parti interessata; billi huwa l-Istat Membru li għandu jistabbilixxi l-istatut ta' awtorità nazzjonali regolatorja [(iktar 'il quddiem l-"ARN")] waħda jew aktar, li tista' tintagħżel minn awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet indipendenti maħtura għal dak l-iskop".

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

[...]

1a. 'fornitur ta' servizz postali': impriża li tipprovdi servizz postali wieħed jew aktar;

[…]

13) ‘fornitur ta’ servizz universali’: il-fornitur ta’ servizz postali pubbliku jew privat li jipprovdi servizz postali universali jew partijiet minnu fi Stat Membru, li l-identità tiegħu tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni [Ewropea] skond l-Artikolu 4;

14) ‘awtorizzazzjonijiet’: kull permess li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi għas-settur postali u li jippermetti lill-impriżi biex jipprovdu servizzi postali u, fejn japplika, li jistabbilixxu u/jew iħaddmu n-networks tagħhom għall-forniment ta’ dawk is-servizzi, fil-forma ta’ awtorizzazzjoni ġenerali jew ‘liċenzja individwali’ kif definit hawn taħt:

[…]

– ‘liċenzja individwali’; awtorizzazzjoni li tingħata minn [ARN] u li tagħti lill-fornitur ta’ servizz postali drittijiet speċifiċi, jew li tissuġġetta lill-operazzjonijiet ta’ dik l-impriża għal obbligi speċifiċi li jissupplimentaw l-awtorizzazzjoni ġenerali meta din tkun applikabbli, meta l-fornitur ta’ servizz postali ma jkunx intitolat jeżerċita d-drittijiet konċernati sakemm ma jkunx irċieva d-deċiżjoni mill-[ARN];

[…]

17) ‘utent’: kull persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika minn forniment ta’ servizz postali bħala mittenti jew indirizzat;

18) ‘[ARN]’: il-korp jew korpi, f’kull Stat Membru, li lilu l-Istat Membru jafda, *inter alia*, il-funzjonijiet regolatorji li jaqgħu taħt l-iskop ta’ din id-Direttiva;

[…]”

5 Skont l-Artikolu 7(1), (3) sa (5), tal-imsemmija direttiva:

“1. L-Istati Membri m’għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet esklussivi jew speċjali għall-istabbiliment u l-forniment ta’ servizzi postali. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-forniment ta’ servizz universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat.

[…]

3. Jekk Stat Membru jqis li l-obbligi ta’ servizz universali, kif previsti minn din id-Direttiva, jinvolvu spiża netta, ikkalkolata b’kont meħud ta’ l-Anness I, u jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) ta’ servizz universali huwa jista’ jintroduċi:

a) mekkaniżmu maħsub biex jikkumpensa lill-impriża/i konċernata/i mill-fondi pubbliċi; jew

b) mekkaniżmu għall-kondiviżjoni ta’ l-ispiża netta ta’ l-obbligi ta’ servizz universali bejn il-fornituri tas-servizzi u/jew l-utenti.

4. Jekk l-ispiża netta tinqasam skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fond ta’ kumpens li jista’ jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew mill-miżati ta’ l-utenti, u li jkun amministrat għal din il-fini minn korp indipendenti tal-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. […]

5. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-prinċipji tat-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità jiġu rispettati meta jiġi stabbilit il-fond ta' kumpens u meta jiġi ffissat il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Id-deċiżjonijiet meħudin skond il-paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli u jkunu pubbliċi."

6 L-Artikolu 14 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontabilità tal-fornituri ta' servizz universali ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-fornitur(i) ta' servizz universali għandu/hom iżomm/u kontabilità separata fis-sistemi ta' kontabilità interni tagħhom sabiex jiddistingwu b'mod ċar bejn kull wieħed mis-servizzi u l-prodotti li jkunu parti mis-servizz universali u dawk li ma jkunux. Din il-kontabilità separata għandha tintuża bħala kontribut meta l-Istati Membri jikkalkolaw l-ispiża netta tas-servizz universali. Dawn is-sistemi ta' kontabilità interna għandhom jitħaddmu fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabilità ta' l-ispejjeż applikati koerentement u ġustifikati oġġettivament.

3. Is-sistemi ta' kontabilità msemmijin fil-paragrafu 2 għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jallokaw l-ispejjeż kif ġej:

a) spejjeż li jistgħu jiġu direttament assenjati għal servizz jew prodott partikolari għandhom jiġu assenjati b'dan il-mod;

b) spejjeż komuni, jiġifieri spejjeż li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal servizz jew prodott partikolari, għandhom jiġu allokati kif ġej:
   i) kull meta jkun possibbli, l-ispejjeż komuni għandhom jiġu allokati fuq il-bażi ta' analiżi diretta ta' l-oriġini ta' l-ispejjeż infushom;
   ii) meta ma tkunx possibbli analiżi diretta, għandhom jiġu allokati kategoriji ta' spejjeż komuni fuq il-bażi ta' rbit indirett ma' kategorija oħra ta' spejjeż jew grupp ta' kategoriji ta' spejjeż li għalihom hija possibbli assenjazzjoni jew allokazzjoni diretta; ir-rabta indiretta għandha tkun ibbażata fuq strutturi ta' spejjeż komparabbli;
   iii) meta la l-miżuri diretti u l-anqas dawk indiretti ta' allokazzjoni ta' spejjeż ma jinstabu, il-kategorija ta' l-ispejjeż għandha tiġi allokata fuq il-bażi ta' allokatur ġenerali kkalkolat bl-użu tal-proporzjon ta' l-ispejjeż kollha assenjati jew allokati direttament jew indirettament, minn naħa waħda, lil kull wieħed mis-servizzi universali u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi l-oħra;
   iv) l-ispejjeż komuni, li huma meħtieġa għall-forniment ta' kemm is-servizzi universali kif ukoll is-servizzi mhux universali, għandhom jiġu allokati b'mod xieraq; għandhom japplikaw l-istess determinanti ta' l-ispejjeż kemm għas-servizzi universali kif ukoll għal dawk mhux universali.

4. Sistemi oħra ta' kontabilità ta' l-ispejjeż jistgħu jiġu applikati biss jekk ikunu kompatibbli mal-paragrafu 2 u jkunu ġew approvati mill-[ARN]. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa minn qabel bl-applikazzjoni tagħhom.

5. L-[ARN] għandhom jiżguraw li l-konformità ma' waħda mis-sistemi ta' kontabilità ta' l-ispejjeżdeskritti fil-paragrafi 3 jew 4 tiġi vverifikata minn korp kompetenti li jkun indipendenti mill-fornitur ta' servizz universali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dikjarazzjoni dwar il-konformità tiġi ppubblikata perjodikament.

[…]

8. Meta Stat Membru ma jkunx għamel użu minn mekkaniżmu ta' finanzjament għall-provvista tas-servizz universali, kif permess mill-Artikolu 7, u meta l-[ARN] tkun sodisfatta li ebda wieħed mill-fornituri nominati tas-servizz universali f'dak l-Istat Membru ma jkun irċieva għajnuna mill-Istat, moħbija jew xort'oħra, u li l-kompetizzjoni fis-suq hija totalment effettiva, l-[ARN] tista' tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

[…]"

7 L-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67 kif emendata jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru għandu jinnomina [ARN] waħda jew aktar għas-settur postali li jkunu ġuridikament separati mill-operaturi postali u joperaw b'mod indipendenti minnhom. L-Istati Membri li jżommu l-pussess jew il-kontroll ta' fornituri ta' servizz postali għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji minn attivitajiet assoċjati mal-pussess jew il-kontroll.

[…]

2. L-[ARN] għandu jkollhom bħala kompitu partikolari li jiżguraw konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ u regolatorji biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali. Jistgħu wkoll jiġu fdati li jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali.

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi effikaċi fil-livell nazzjonali li permezz tagħhom kwalunkwe utent jew fornitur ta' servizz postali li jkun affetwat minn deċiżjoni ta' [ARN] jkollha d-dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni lil korp ta' l-appell li jkun indipendenti mill-partijiet involuti. Sakemm jinqata' dak l-appell, id-deċiżjoni ta' l-[ARN] għandha tibqa' valida sakemm il-bord ta' l-appell ma jiddeċidix mod ieħor."

8 L-Anness I ta' din id-direttiva, intitolat "Gwida għall-kalkolu ta' l-ispiża netta, jekk ikun il-każ, ta' servizz universali", jinkludi Parti B, intitolata "Kalkolu ta' l-ispiża netta", li tipprevedi:

"L-[ARN] għandhom jikkunsidraw il-mezzi kollha biex jiżguraw li jkun hemm inċentivi xierqa għall-fornituri ta' servizz postali (innominati jew mhumiex) biex jipprovdu obbligi tas-servizz universali b'mod effiċjenti fl-infiq.

L-ispiża netta ta' l-obbligu ta' servizz universali hija kwalunkwe spiża relatata ma' u meħtieġa għall-operazzjoni tal-forniment ta' servizz universali. L-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali għandha tiġi kkalkolata, bħala d-differenza bejn l-ispiża netta għal fornitur innominat ta' servizz universali biex jopera bl-obbligi ta' servizz universali u dik ta' għall-istess fornitur ta' servizz postali biex jopera mingħajr l-obbligi ta' servizz universali.

Il-kalkolu għandu jieħu kont ta' kull element rilevanti ieħor, inkluż kwalunkwe benefiċċju intanġibbli u tas-suq li jkunu dovuti għal fornitur innominat ta' servizz postali biex jipprovdi servizz universali, id-dritt għal qligħ raġonevoli u inċentivi għal effiċjenza fl-infiq;

[…]

[…] Ir-responsabbiltà għall-verifika ta' l-ispiża netta taqa' f'idejn l-[ARN]. Il-fornitur(i) ta' servizz universali għandu/hom jikkoopera(w) ma' l-[ARN] biex din tkun tista' tivverifika l-ispiża netta."

*Id-Direttiva 2008/6*

9 Il-premessi 29, 41, 49 u 56 tad-Direttiva 2008/6 jistabbilixxu:

"(29) Il-prinċipji ta' trasparenza, non-diskriminazzjoni u proporzjonalità kif bħalissa previsti mid-Direttiva [97/67] għandhom ikomplu jiġu applikati għal kwalunkwe mekkaniżmu ta' finanzjament u kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli. B'mod partikolari, l-ispiża netta tas-servizz universali għandha tkun ikkalkolata, taħt is-superviżjoni ta' l-[ARN], bħala d-differenza bejn l-ispejjeż netti ta' fornitur innominat ta' servizz universali li jopera taħt l-obbligi tas-servizz universali u ieħor li ma joperax taħt l-obbligi tas-servizz universali. Il-kalkolu għandu jieħu kont ta' kull element rilevanti ieħor, inkluż kwalunkwe benefiċċju tas-suq dovut għall-fornitur innominat ta' servizz postali biex iforni servizz universali, id-dritt għal profitt raġonevoli u l-inċentivi għall-kost-effiċjenza.

[…]

(41) Fid-dawl tat-transizzjoni lejn suq totalment kompetittiv, u sabiex is-sussidji reċiproċi ma jitħallewx jaffetwaw il-kompetizzjoni b'mod negattiv, jixraq li l-Istati Membri jkomplu jkunu meħtieġa li jżommu l-obbligu li l-fornituri ta' servizz universali jżommu kontijiet separati u trasparenti, soġġetti għall-adattamenti meħtieġa.

Dan l-obbligu għandu jipprovdi lill-[ARN], lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mas-servizz universali u għall-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet tas-suq ġusti sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva. […]

L-obbligu ta' kontabbiltà separata u trasparenti għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-[ARN] tagħhom b'informazzjoni ta' kontabbiltà suffiċjentement dettaljata biex:

– jiġu adottati deċiżjonijiet relatati mas-servizz universali;

– tintuża bħala tagħrif meta jiġi determinat jekk l-obbligi tas-servizz universali imposti jinvolvux spiża netta u jirrappreżentawx piż finanzjarju inġust għall-fornitur ta' servizz universali;

– […]

(49) Kwalunkwe parti li hija s-suġġett ta' deċiżjoni mill-[ARN] għandu jkollha d-dritt ta' appell lil korp li jkun indipendenti minn dik l-awtorità. Dan il-korp jista' jkun qorti. Din il-proċedura ta' appell hija mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u għad-drittijiet ta' entitajiet ġuridiċi jew persuni fiżiċi skond il-leġislazzjoni nazzjonali. Sakemm jintemmu dawn il-proċeduri, jeħtieġ li tkun żgurata l-validità temporanja tad-deċiżjonijiet ta' l-[ARN] biex tiggarantixxi ċ-ċertezza ġuridika u s-sigurtà tas-suq.

[…]

(56) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, notevolment il-kisba ta' suq intern għas-servizzi postali, l-iżgurar ta' livell komuni ta' servizzi universali għall-utenti kollha u l-istabbiliment ta' prinċipji armonizzati għar-regolamentazzjoni tas-servizzi postali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, għar-raġunijiet ta' skala u effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. […]"

### *Id-dritt Bulgaru*

10 Skont l-Artikolu 147 tal-Administrativnoprotsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva):

"(1) Iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet li d-drittijiet, il-libertajiet jew l-interessi leġittimi tagħhom ġew miksura jew mhedda mill-att amministrattiv jew li għalihom joħloq obbligi, għandhom id-dritt li jikkontestawh.

[…]"

11 L-Artikolu 15 taż-Zakon za poshtenskite uslugi (il-Liġi dwar is-Servizzi Postali) jipprovdi:

"(1) Il-[KRS] għandha tirregola l-provvista tas-servizzi postali skont din il-liġi:

1. billi tassigura l-kundizzjonijiet għall-provvista tas-servizz postali universali fit-territorju nazzjonali kollu;

[…]

11. billi jiġi żviluppat metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż netti tal-provvista tas-servizz postali universali u għad-determinazzjoni tal-kriterji tal-eżistenza ta' piż finanzjarju inġust; dan il-metodu ta' kalkolu għandu jiġi adottat mill-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-[KRS];

[…]

(2) Id-deċiżjonijiet tal-[KRS] li jimplimentaw din il-liġi huma atti amministrattivi individwali, regolatorji jew ġenerali u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors ippreżentat konformement mal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva quddiem il-qorti amministrattiva kompetenti.

[…]"

12 L-Artikolu 24 ta' din il-liġi jipprevedi:

"Is-servizz postali universali huwa żgurat minn operatur postali li fuqu l-liġi imponiet l-obbligu li jipprovdi dan is-servizz fit-territorju kollu tal-pajjiż permezz ta' network postali organizzat u amministrat minnu."

13 Skont l-Artikolu 29 tal-imsemmija liġi:

"(1) L-operatur postali obbligat li jiżgura s-servizz postali universali jirċievi kumpens mill-baġit tal-Istat meta l-obbligu li jiġi żgurat is-servizz postali universali jwassal għal spejjeż netti u jikkostitwixxi piż finanzjarju inġust.

(2) L-ammont tal-piż finanzjarju inġust tal-provvista tas-servizz postali universali għandu jiġi ddeterminat mill-[KRS] abbażi tal-ispejjeż netti kkalkolati skont il-metodoloġija prevista fil-punt 11 tal-Artikolu 15(1).

[...]"

14 Konformement mal-Artikolu 29a tal-Liġi dwar is-Servizzi Postali, fuq talba tal-operatur postali obbligat li jiżgura s-servizz universali, il-KRS għandha tiddeċiedi dwar l-ammont tal-ispejjeż netti ta' provvista tas-servizz postali universali kif ukoll dwar l-eżistenza u l-ammont ta' piż finanzjarju inġust li jirriżulta mill-provvista tas-servizz postali universali. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, kif jirriżulta mill-Artikolu 29 ta' din il-liġi, il-KRS ma tiddeċidix fuq l-ammont tal-kumpens li għandu jingħata lill-fornitur ta' servizz universali fil-każ ta' konstatazzjoni tal-piż finanzjarju inġust impost fuq dan tal-aħħar. Il-KRS tippreżenta d-deċiżjoni tagħha u l-elementi relatati mal-Viċi Prim Ministru responsabbli li, min-naħa tiegħu, jippreżenta lill-Ministru għall-Finanzi proposta intiża li tinkludi fl-abbozz ta' liġi dwar il-baġit tal-Istat għas-sena ta' wara l-ammont ta' fondi intiżi sabiex jikkumpensaw dan il-piż finanzjarju.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

15 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija kumpannija Bulgara li għandha liċenzja għall-provvista ta' servizzi li jaqgħu taħt is-servizz postali universali. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, permezz tad-Deċiżjoni Nru 289 tagħha tat-18 ta' Awwissu 2022, il-KRS kienet irrevokat din il-liċenzja u kienet ipprojbixxiet lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għal perijodu ta' sentejn, milli titlob liċenzja individwali ġdida għall-provvista ta' tali servizzi, milli tingħata tali liċenzja u li takkwista ishma jew azzjonijiet fil-kapital ta' kumpannija kummerċjali li għandha l-kwalità ta' operatur postali awtorizzat fil-qasam ta' attivitajiet ikkonċernat.

16 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud fl-ewwel istanza. Skont l-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u kkonfermata mir-Repubblika tal-Bulgarija waqt is-seduta quddiemha, din iċ-ċaħda kif ukoll l-imsemmija deċiżjoni ġew definittivament annullati permezz ta' sentenza tal-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija) tad-29 ta' Jannar 2024.

17 BP, operatur postali storiku fil-Bulgarija, hija, sa mis-sena 2010 u għal perijodu ta' ħmistax-il sena, inkarigata mill-obbligu li tiżgura s-servizz postali universali.

18 Wara talba għal kumpens, fis-sens tal-Artikolu 29a tal-Liġi dwar is-Servizzi Postali, ifformulata minn dan l-operatur, il-KRS qieset, permezz tad-Deċiżjoni Nru 332 tagħha tat-13 ta' Ottubru 2022 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża"), fi tmiem proċedura ta' awditu, li għaliha kien ingħata mandat awditur indipendenti, li l-ammont totali tal-ispejjeż netti tal-provvista tas-servizz postali universali żgurat mill-imsemmi operatur għas-sena 2021 kien jammonta għal BGN 28 456 000 lev Bulgaru (madwar EUR 14 500 000) u li dawn l-ispejjeż netti kienu jikkostitwixxu piż finanzjarju inġust għaliha.

19 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża quddiem l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija), li, permezz ta' digriet, ġie miċħud minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku, minħabba li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma hijiex id-destinatarja ta' din id-deċiżjoni, li ma toħloqx drittijiet jew obbligi diretti u immedjati fir-rigward tagħha u ma taffettwax id-drittijiet u l-interessi leġittimi tagħha.

20 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat appell minn dan id-digriet quddiem il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema), li hija l-qorti tar-rinviju, billi sostniet li hija f'kompetizzjoni ma' BP kemm fis-suq tas-servizzi li jaqgħu taħt is-servizz postali universali kif ukoll f'dak tas-servizzi postali mhux universali. Hija tallega li pparteċipat f'diversi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u tindika li l-offerti anormalment baxxi ppreżentati f'dan il-kuntest minn BP wassluha sabiex tissuspetta li użat is-sussidji rċevuti mill-Istat għall-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' servizz postali universali wkoll sabiex tiffinanzja attivitajiet oħra, u b'hekk wasslet għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, li għandha influwenza diretta fuq l-attivitajiet kummerċjali tagħha eżerċitati fis-suq ikkonċernat. Hija ppreżentat diversi rikorsi, li insostenn tagħhom hija sostniet li BP kienet ibbenefikat minn għajnuna mill-Istat. L-allegazzjonijiet tagħha qatt ma ġew eżaminati, minħabba li "l-ispejjeż tas-servizz postali universali [kienu] ġew miftiehma kull sena mill-KRS fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva mibdija permezz ta' talba ta' [BP] 'intiża sabiex tikkumpensa l-piż finanzjarju inġust li jirrappreżenta l-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' servizz postali universali'".

21 Quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni, b'mod partikolari, li l-kalkolu tal-ispiża netta tal-provvista tas-servizz postali universali ma jikkostitwixxix sempliċi proċedura ta' kontabbiltà iżda għandu jippermetti lill-awtorità regolatorja twettaq evalwazzjoni kompleta tas-suq inkwistjoni. Id-deċiżjoni relatata magħha tidher li taqa' taħt id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/67 emendata, moqri flimkien mal-Artikolu 22 tagħha, u tista', għalhekk, tiġi kkontestata minn "kull utent" tas-servizz postali universali kif ukoll minn "kull fornitur ta' servizz postali" affettwat minnha.

22 Insostenn tal-appell tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tinvoka kemm il-kwalità tagħha ta' "fornitur ta' servizzi postali" kif ukoll dik ta' "utent tas-servizz postali universali" u tqis li d-digriet tal-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva tal-Belt ta' Sofija) ikkontestat quddiem il-qorti tar-rinviju jikser l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, kif ukoll l-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67 emendata. Hija ssostni li l-impriżi kompetituri tal-fornitur inkarigat li jiżgura s-servizz universali jistgħu jikkontestaw id-deċiżjonijiet tal-ARN jekk dawn jiksru l-kompetizzjoni mhux distorta. F'dan il-każ, il-KRS ħadet deċiżjoni b'mod sommarju u awtomatiku, billi bbażat ruħha, minn naħa, fuq rapport redatt minn BP, li qatt ma ġie ppubblikat u, min-naħa l-oħra, fuq l-analiżi ta' awditur indipendenti li, madankollu, ma wettaqx verifiki fid-dettall fil-kontabbiltà ta' BP u sar pubbliku biss parzjalment.

23 Min-naħa tagħha, il-KRS tfakkar li l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/67 emendata ġie implimentat fil-livell nazzjonali permezz tal-proċedura ta' appell prevista mill-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva u li ċ-ċirku tal-persuni awtorizzati jippreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma huwiex illimitat. Il-persuni "affettwati", fis-sens ta' din id-direttiva, huma dawk li jsofru "l-effetti tad-dritt sostantiv" ta' tali deċiżjonijiet, jiġifieri estinzjoni jew limitazzjoni ta' drittijiet suġġettivi eżistenti, ħolqien ta' obbligi legali ġodda, estensjoni ta' obbligi eżistenti jew ukoll impossibbiltà li jiġu eżerċitati drittijiet suġġettivi. F'dan

il-każ, l-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża jidher li ma jwassal għal ebda bidla fl-isfera ġuridika tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, filwaqt li jekk tiġi aċċettata t-teżi difiża minn din tal-aħħar, dan jidher li jwassal għal inċertezza legali estrema.

24 Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, il-qorti tar-rinviju tqis li, sabiex tingħata risposta għad-domanda dwar jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għandhiex interess ġuridiku kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża, huwa neċessarju li jiġi interpretat il-kunċett ta' "fornitur ta' servizzi postali affettwat minn deċiżjoni meħuda minn [ARN]", fis-sens tal-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata. Skont il-qorti tar-rinviju, ma hemmx lok li jiġi eżaminat, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-kunċett ta' "utent" ta' servizzi postali, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali esponiet biss argumenti dwar l-attività tagħha ta' fornitur ta' "servizzi li jaqgħu taħt is-servizz postali universali" li jinsabu f'kompetizzjoni ma' BP fis-suq ikkonċernat, mingħajr ma pprovdiet elementi fattwali li jippermettu li jiġi dedott użu min-naħa tagħha tas-servizz postali universali pprovdut minn BP. Għaldaqstant, skont il-qorti tar-rinviju, kull domanda preliminari dwar il-kwalità ta' "utent" ta' servizzi postali tidher li tkun ipotetika.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Kif għandhom jiġu interpretati l-espressjoni 'fornitur ta' servizz postali li jkun affettwat minn deċiżjoni ta' [ARN]' u, b'mod iktar partikolari, it-terminu 'affettwat', fis-sens tal-Artikolu 22(3) [tad-Direttiva 97/67 kif emendata]? It-terminu 'affettwat' għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrikjedi li d-deċiżjoni tal-[ARN] tingħata speċifikament f'isem il-fornitur ta' servizzi postali? Tkun 'affettwata', fis-sens tal-Artikolu 22(3) [tad-Direttiva 97/67 kif emendata], kumpannija li tipprovdi servizzi postali u li tikkompeti mal-fornitur tas-servizz postali universali fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, f'sitwazzjoni fejn fil-kuntest ta' rikors kontra l-eżitu ta' din il-proċedura din il-kumpannija tqajjem argumenti marbuta mas-sussidju trażversali mwettaq mill-fornitur tas-servizz postali universali, argumenti miċħuda mill-qorti minħabba l-eżistenza ta' deċiżjonijiet tal-[ARN] li japprovaw l-ammonti tal-ispejjeż netti marbuta mal-provvista tas-servizz postali universali mill-fornitur tas-servizz postali universali u li jikkonferma li dawn l-ispejjeż jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust ta' ammont determinat li jirriżulta mill-provvista tas-servizz postali universali?

2. L-Artikolu 22(3) [tad-Direttiva 97/67 kif emendata] u l-Artikolu 47 tal-[Karta] jippermettu sitwazzjoni, bħal dik li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali, fejn fornitur ta' servizz postali, li jikkompeti mal-fornitur tas-servizz postali universali, ma jistax jikkontesta quddiem korp indipendenti d-deċiżjoni tal-[ARN] li tapprova l-ammonti tal-ispejjeż netti marbuta mal-provvista tas-servizz postali universali mill-fornitur tas-servizz postali universali u li tikkonferma li dawn l-ispejjeż jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust ta' ammont determinat li jirriżulta mill-provvista tas-servizz postali universali?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

26 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda preliminari, billi tallega, b'mod partikolari, li din hija bbażata fuq allegazzjonijiet fattwali li ġew invokati biss mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u li ma ġewx

stabbiliti quddiem il-qorti tar-rinviju. Din il-kwistjoni tidher li hija, għaldaqstant, ipotetika. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tistaqsi, barra minn hekk, dwar l-utilità tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-imsemmija domanda fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

27 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, peress li d-domandi magħmula fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Artikolu 267 TFUE jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni. Fil-fatt, tali domandi magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-6 ta' Ġunju 2024, INGSTEEL, C-547/22, EU:C:2024:478, punti 25 u 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan il-każ, ma jistax jiġi kkontestat la li l-ewwel domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata u lanqas li din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tagħha huma rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

29 Ċertament, permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-kwalità ta' "fornitur ta' servizz postali affettwat minn deċiżjoni meħuda minn [ARN]", fis-sens tal-Artikolu 22(3) ta' din id-direttiva, li hija invokata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tistax tiġi ddeterminata skont elementi fattwali relatati ma' proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji minbarra l-proċedura fil-kawża prinċipali, elementi li, skont ir-Repubblika tal-Bulgarija, ma ġewx stabbiliti f'dan il-każ.

30 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm jista' jkun vantaġġuż, skont iċ-ċirkustanzi, li l-fatti ta' kawża jkunu stabbiliti fil-mument tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma jipprekludix lill-qrati nazzjonali milli jkollhom il-possibbiltà l-iktar wiesgħa li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk iqisu li kawża quddiemhom tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew ta' evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu deċiżjoni min-naħa tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Kernkraftwerke Lippe-Ems, C-5/14, EU:C:2015:354, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dawn il-qrati huma, b'mod partikolari, liberi li jeżerċitaw din id-diskrezzjoni f'kull stadju tal-proċedura li huma jqisu xieraq (sentenza tal-14 ta' Novembru 2018, Memoria u Dall'Antonia, C-342/17, EU:C:2018:906, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Għaldaqstant, talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli għas-sempliċi raġuni li tkun saret fi stadju bikri tal-proċedura fil-kawża prinċipali (sentenza tal-14 ta' Novembru 2018, Memoria u Dall'Antonia, C-342/17, EU:C:2018:906, punt 34).

32 Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

***Fuq il-mertu***

33 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta’ kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, għandha tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta utli lill-qorti nazzjonali sabiex din tkun tista’ tiddeċiedi t-tilwima li għandha quddiemha. F’dan id-dawl, huwa obbligu, jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (sentenza tal-20 ta’ April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Għalhekk, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha fornitur ta’ servizzi postali li jikkompeti mal-fornitur tas-servizz postali universali ma jistax jikkontesta quddiem organu indipendenti deċiżjoni tal-ARN, li ma huwiex destinatarju tagħha, li permezz tagħha hija twettaq, skont l-Artikolu 7(3) ta’ din id-direttiva, il-kalkolu tal-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz postali universali u tikkonstata li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu piż finanzjarju inġust, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni tal-aħħar.

35 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, il-kunċett ta’ “fornitur ta’ servizzi postali affettwat minn deċiżjoni meħuda minn [ARN]” li jinsab fl-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata, li, fl-assenza ta’ kull riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri, għandu jiġi kkunsidrat bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta’ Frar 2008, Tele2 Telecommunication, C-426/05, EU:C:2008:103, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F’dan ir-rigward, hemm lok, bħalma għamlu r-Repubblika tal-Bulgarija u l-Kummissjoni, li jiġi rrilevat li l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata huwa fformulat f’termini sostanzjalment identiċi għal dawk tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), issa riprodott fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2018, L 321, p. 36 u rettifiki fil-ĠU 2019, L 334, p. 164 u fil-ĠU 2020, L 419, p. 36).

37 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21, “[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li mekkaniżmi effettivi jeżistu fil-livell nazzjonali li taħthom kull utent jew impriża li tipprovdi networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u/jew servizzi li tkun milquta b’deċiżjoni ta’ l-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt ta’ appell kontra d-deċiżjoni lil korp ta’ appell li jkun indipendenti mill-partijiet involuti”.

38 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21 jikkostitwixxi emanazzjoni tal-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jipprovdi li huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta’ April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 L-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha, għaldaqstant, tieħu inkunsiderazzjoni l-importanza ta' dan id-dritt fundamentali kif tirriżulta mis-sistema implimentata mill-Karta kollha kemm hi. Għandu b'mod partikolari, jittieħed inkunsiderazzjoni li, għalkemm l-Artikolu 52(1) tal-Karta jippermetti limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt fundamentali inkwistjoni, din id-dispożizzjoni teżiġi, madankollu, li kull limitazzjoni tirrispetta l-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt fundamentali u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, din tkun neċessarja u tissodisfa effettivament għanijiet ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tal-obbligi tal-ARN fil-qasam tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21, li tipprovdi li din id-dispożizzjoni ma tagħtix dritt għal azzjoni legali lil persuni li ma humiex id-destinatarji tad-deċiżjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet, tkun diffiċilment kompatibbli mal-għanijiet ġenerali u mal-prinċipji regolatorji li jirriżultaw, għall-imsemmija awtoritajiet, minn din id-direttiva u, b'mod partikolari, mal-għan ta' promozzjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tal-20 ta' April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21 ikopri kemm id-destinatarji tad-deċiżjoni tal-ARN inkwistjoni kif ukoll l-impriżi li jipprovdu networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jistgħu jkunu kompetituri ta' dawn id-destinatarji, sa fejn l-ARN tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex tissalvagwarda l-kompetizzjoni u sa fejn din id-deċiżjoni jista' jkollha effett fuq il-pożizzjoni ta' dawn l-impriżi fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2015, T-Mobile Austria, C-282/13, EU:C:2015:24, punt 39, kif ukoll tal-20 ta' April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punti 32 u 36).

42 Issa, interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata tkun, għal raġunijiet analogi għal dawk imsemmija fil-punti 38 sa 40 ta' din is-sentenza, diffiċilment kompatibbli mal-għanijiet imfittxija minn din tal-aħħar.

43 Fir-rigward, minn naħa, tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, mill-premessa 56 tad-Direttiva 2008/6 jirriżulta li l-għanijiet imfittxija minnha huma li jintlaħaq is-suq intern tas-servizzi postali tal-Unjoni, li jiġi żgurat livell komuni ta' servizz universali għall-utenti kollha u li jiġu stabbiliti prinċipji armonizzati għar-regolamentazzjoni ta' dan is-settur. Madankollu, mill-premessa 41 ta' din id-direttiva jirriżulta li dawn l-għanijiet huma segwiti "[f]id-dawl tat-transizzjoni lejn suq totalment kompetittiv".

44 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-missjonijiet fdati lill-ANR tas-settur postali, mill-premessa 39 tad-Direttiva 97/67 emendata jirriżulta li l-garanzija tal-istatus tagħhom ta' entità indipendenti hija intiża sabiex tiżgura "kompetizzjoni mhux distorta". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 22(2) ta' din id-direttiva, l-imsemmija awtoritajiet jistgħu wkoll jiġu inkarigati li jiżguraw l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali u, kif jirriżulta mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, l-istess awtoritajiet huma obbligati li jikkonsultaw lil xulxin u li jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm ebda raġuni sabiex jiġu interpretati b'mod differenti żewġ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fformulati b'mod sostanzjalment identiku, bħal, minn naħa, l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/21, peress li, barra minn hekk, dawn iż-żewġ direttivi jirregolaw oqsma

relatati ma' dan id-dritt, jagħtu kompetenzi analogi lill-ANR magħżula għal kull wieħed minnhom u jsegwu għanijiet simili (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Concordia Bus Finland, C-513/99, EU:C:2002:495, punti 90 u 91).

46 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata jkopri kemm id-destinatarji ta' deċiżjoni bħad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll il-fornituri ta' servizzi postali kompetituri ta' dawn id-destinatarji, sa fejn din id-deċiżjoni ġiet adottata fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex tiżgura l-kompetizzjoni mhux distorta u sa fejn jista' jkollha effett fuq il-pożizzjoni ta' dawn il-fornituri kompetituri fis-suq.

47 Ċertament, il-premessa 49 tad-Direttiva 2008/6 tipprovdi li "[k]walunkwe parti li hija s-suġġett ta' deċiżjoni mill-[ARN] [għandha] d-dritt ta' appell lil korp li jkun indipendenti minn dik l-awtorità". Madankollu, din il-premessa sempliċement issemmi l-possibbiltà, għal kull min huwa kopert minn deċiżjoni ta' ARN, li jappella minn tali deċiżjoni. Issa, is-sempliċi evokazzjoni, għal tali premessa, ta' tali possibbiltà, bl-ebda mod ma timplika li tali rikors huwa eskluż għal persuni oħra, bħall-impriżi kompetituri tad-destinatarju tal-imsemmija deċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2008, Tele2 Telecommunication, C-426/05, EU:C:2008:103, punt 45).

48 F'dan il-kuntest u sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi eżaminat, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punt 46 ta' din is-sentenza, jekk deċiżjoni tal-ARN responsabbli għas-settur postali bħad-Deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri deċiżjoni li tikkalkola l-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz postali universali u li tikkonstata li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu piż finanzjarju inġust, tikkostitwixxix deċiżjoni, minn naħa, adottata fil-kuntest ta' proċedura intiża li tiżgura l-kompetizzjoni mhux distorta u, min-naħa l-oħra, li jista' jkollha effett fuq il-pożizzjoni fis-suq ta' kompetitur ta' dan il-fornitur.

49 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 97/67 emendata, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-obbligi ta' servizz universali previsti minn din tal-aħħar iwasslux għal spiża netta, ikkalkolata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Anness I ta' din id-direttiva, u jekk dawn jikkostitwixxux piż finanzjarju inġust għall-fornitur jew għall-fornituri tas-servizz universali. Kif jirriżulta mill-Artikoli 7, 14 u 22 tad-Direttiva 97/67 emendata, moqrija fid-dawl tal-premessi 29 u 41 tad-Direttiva 2008/6, il-kalkolu tal-ispejjeż netti tas-servizz universali huwa stabbilit taħt il-kontroll tal-ARN, li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'indipendenza sħiħa kemm fir-rigward tal-atturi tas-suq kif ukoll fir-rigward tal-awtoritajiet tal-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Nexive Commerce *et*, C-226/22, EU:C:2023:637, punt 42). Barra minn hekk, huwa ppreċiżat fil-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva 97/67 kif emendata li l-verifika tal-kalkolu tal-ispiża netta għandha ssir mill-ARN. Għaldaqstant, għandu jitqies li d-deċiżjonijiet meħuda mill-ARN fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom skont l-imsemmija dispożizzjonijiet jipproduċu effetti legali vinkolanti, peress li l-fatt li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu, jekk ikun il-każ, jaqgħu fil-kuntest ta' proċeduri oħra rregolati mid-dritt nazzjonali għad-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens li għandu jingħata lill-fornituri tas-servizz universali, huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

50 Wara li ġie ppreċiżat dan, f'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk deċiżjoni bħad-Deċiżjoni kontenzjuża ġietx adottata fil-kuntest ta' proċedura intiża li tiżgura kompetizzjoni mhux distorta, għandu jiġi dedott mill-premessa 41 tad-Direttiva 2008/6 li l-għan prinċipali tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/67 emendata, li l-paragrafu 2 tiegħu jeżiġi li l-fornitur jew il-fornituri tas-servizz universali jżommu kontabbiltà trasparenti li tagħmel distinzjoni bejn is-servizzi u l-prodotti li jagħmlu parti mis-servizz universali u dawk li ma jagħmlux parti minnu, huwa li jwassal lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-ekwità tal-kundizzjonijiet tas-suq

tas-servizzi postali, kemm fir-rigward tal-fornitur jew tal-fornituri tas-servizz universali kif ukoll fir-rigward tal-kompetituri tagħhom. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 14(8) ta' din l-aħħar direttiva, li jipprovdi li r-rekwiżiti previsti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu fil-qasam tal-kontabbiltà analitika ma jistgħux jiġu applikati mill-ARN jekk din tkun konvinta li ebda wieħed mill-fornituri tas-servizz universali ma jirċievi għajnuna pubblika taħt forma moħbija jew oħra u li l-kompetizzjoni hija kompletament fis-suq.

51 Issa, sa fejn, konformement mal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 97/67 emendata, huwa billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi pprovduti konformement mar-rekwiżiti previsti f'dan l-artikolu li l-ARN teżerċita l-kompetenzi tagħha skont l-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva, għandu jiġi kkunsidrat li d-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju huma intiżi li jissalvagwardaw il-kompetizzjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 41 ta' din is-sentenza.

52 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni dwar jekk deċiżjoni bħad-Deċiżjoni kontenzjuża jistax ikollha effett fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri tad-destinatarju ta' tali deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta jekk id-drittijiet tal-kompetituri inkwistjoni huma potenzjalment affettwati mid-deċiżjoni tal-ARN ikkonċernata minħabba, minn naħa, il-kontenut tagħha u, min-naħa l-oħra, l-attività eżerċitata jew prevista minn dawn il-kompetituri (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' April 2023, DIGI Communications, C-329/21, EU:C:2023:303, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Issa, ir-rekwiżit li tiġi adottata deċiżjoni bħad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tiġi vverifikata l-ekwità tal-kundizzjonijiet tas-suq ikkonċernat, irrilevat fil-punt 50 ta' din is-sentenza, huwa bbażat fuq il-premessa li, għalkemm dawn il-kundizzjonijiet ma humiex ġusti, il-kontenut ta' din id-deċiżjoni jista' jkollu effett fuq il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-imsemmi suq. Tali deċiżjoni tista', għalhekk, min-natura tagħha stess ikollha effett fuq il-pożizzjoni tal-impriżi kompetituri tad-destinatarju ta' din id-deċiżjoni, sa fejn dawn jeżerċitaw jew jipprevedu li jeżerċitaw attività bħal dik prevista mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 52 ta' din is-sentenza, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

54 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat, kif għamlet ir-Repubblika tal-Bulgarija, li l-proċedura intiża sabiex jiġu ddeterminati l-ispejjeż netti tal-provvista tas-servizz postali universali u sabiex jiġi kkonstatat li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu piż inġust fuq il-fornitur ta' dan is-servizz għandha l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dan tal-aħħar u l-atturi l-oħra tas-suq, li ma humiex suġġetti għall-obbligu li jiżguraw tali servizz. Minn din il-konstatazzjoni jirriżulta li, għalkemm id-deċiżjoni meħuda fi tmiem tali proċedura tkun ibbażata fuq elementi żbaljati jew arbitrarji, il-pożizzjoni ta' dan il-fornitur fis-suq ikkonċernat tirriskja li tissaħħaħ b'mod artifiċjali, fatt li jidher li jaffettwa, neċessarjament, il-pożizzjoni tal-kompetituri tiegħu f'dan is-suq, u dan indipendentement mill-mekkaniżmu ta' kumpens għall-ispejjeż netti magħżul mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67 emendata.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67 emendata, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha fornitur ta' servizzi postali li jikkompeti mal-fornitur tas-servizz postali universali ma jistax jikkontesta quddiem organu indipendenti deċiżjoni tal-ARN, li ma huwiex destinatarju tagħha, li permezz tagħha din twettaq, skont l-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva, il-kalkolu tal-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz postali universali u tikkonstata li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu piż finanzjarju inġust, fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Frar 2008, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha fornitur ta' servizzi postali li jikkompeti mal-fornitur tas-servizz postali universali ma jistax jikkontesta quddiem organu indipendenti deċiżjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali, li ma huwiex destinatarju tagħha, li permezz tagħha din twettaq, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 97/67, kif emendata, il-kalkolu tal-ammont tal-ispejjeż netti sostnuti mill-fornitur tas-servizz postali universali u tikkonstatata li dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu piż finanzjarju inġust, fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.**

Firem